MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija għall-Aħbarijiet / 5 ta' Diċembru 2014**

# Il-Melita mmultata €10,000 mill-MCA wara li naqqset milli tħares l-obbligi fir-rigward tal-proċess ta' terminazzjoni tas-servizzi

L-Awtorità ta' Malta dwar il-komunikazzjoni (MCA) illum imponiet multa amministrattiva ta' €10,000 fuq il-Melita. Dan wara li f'ħames ilmenti mressqa quddiem l-Awtorità, instab li l-Melita ma eżegwitx it-talba li għamlu xi klijenti tagħha sabiex jitterminaw is-servizzi tagħhom skont l-obbligi legali tagħha.

Din id-deċizjoni ssegwi sanzjoni oħra li imponiet l-istess-Awtorità fil-konfront tal-Melita f'Lulju tal-2014, wara li l-Awtorità rċeviet ilment tal-istess natura mingħand abbonat wieħed. Sfortunatament, minkejja din il-multa, l-Awtorità kompliet tirċievi ilmenti mingħand abbonati oħra tal-Melita.

Minn dawn l-ilmenti irriżulta li, minkejja li l-abbonati, kif inhu mitlub, avżaw lill-Melita tletin (30) ġurnata bil-quddiem, dwar l-intenzjoni tagħhom li jitterminaw is-servizz/i ; xorta waħda:

1. s-servizzi tagħhom baqgħu ma ġewx itterminati wara li l-perjodu ta' tletin (30) ġurnata kien għadda; u/jew
2. baqgħu jinħarġu kontijiet li jitolbu ħlas għall-servizz/i mogħtija wara l-perjodu ta' pre-avviz ta' tletin (30) gurnata.

F'dawn il-każijiet, kien biss wara li l-MCA ġibdet l-attenzjoni tal-Melita, li l-Melita ħadet l-azzjoni neċessarja sabiex tindirizza dawn in-nuqqasijiet u taġġorna l-kontijiet ta' dawn l-abbonati fejn kien meħtieġ.

Fid-dawl ta' dan u skont il-poteri legali tagħha, l-Awtorità imponiet multa amministrattiva filwaqt li wisset lill-Melita li ser tkun qed issegwi mill-viċin din is-sitwazzjoni biex ikun aċċertat li l-proċeduri kollha qedgħin ikunu rispettati.

Sadanittant, membri tal-pubbliku li jiltaqgħu ma xi diffikultajiet fil-proċess biex jitterminaw xi servizz/i jistgħu jagħmlu kuntatt mal-MCA permezz tat-telefown fuq 21336840 jew permezz tal-emajl fuq customercare@mca.org.mt. Għall-aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, żur l-FAQs fuq is-sit elettroniku tal-MCA www.mca.org.mt.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840